MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI
# MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI JOSEPH D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 617/1997/1

**George Camilleri maghruf bhala Yana Camilleri**

**vs**

**L-Avukat Generali u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Dan huwa appell mill-kap ta' l-ispejjez kif deciz mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza taghha tat-2 ta' Ottubru, 2002 fil-kawza fl-ismijiet premessi. Fl-imsemmija sentenza, wara li dik il-Qorti

rrespingiet l-eccezzjoni preliminari ta' l-Avukat Generali li huwa ma kienx il-legittimu kontradittur, jinghad hekk:

"Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent limitatament billi tiddikjara li l-fatt li l-ligi Maltija ma tipprovdix ghall-esigenzi tat-transesswali hemm vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent ghar-rispett tal-hajja privata tieghu kif sancit bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea; u tichad l-istess talba in kwantu ma jirrizultax ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Tipprovdi dwar it-tieni talba tar-rikorrent billi tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li fl-att tat-twelid tar-rikorrent li jgib in-numru 3877/69 fil-kolonna "Jekk tifel jew tifla" – "Sex" il-kelma "Boy" tigi sostitwita bil-kelma "Girl" u fil-kolonna "Ismijiet moghtijin" – "names given" l-isem "George" jigi sostitwit bl-isem "Yana" u tordna lill-istess Direttur tar-Registru Pubbliku li ssir l-annotazzjoni mahtiega biex jigi registrat li dan it-tibdil sar in forza ta' sentenza.

L-ispejjez fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati mill-Avukat Generali billi l-lezjoni rizultanti tirrifletti n-nuqqas tal-Gvern li huwa jirrapresenta."

L-Avukat Generali appella mill-kap ta' l-ispejjez. L-aggravju tieghu hu migjub f'dawn it-termini:
"Illi skond il-verbal tat-2 ta' Frar, 1998 kien ir-rkorrent [Camilleri] li talab "in-nomina ta' esperti medici sabiex jigi stabbilit il-fatt". Skond l-istess verbal: *"Il-Qorti laqghet it-talba u hatret lil Dr. Peter Muscat, psikjatra u l-Profs Mark Brincat, Ginekologu bl-assistenza ta' Dr. Tonio Azzopardi u dana a spejjez provvizorjament tar-rikorrent".*

Illi minn dan il-verbal jidher li t-talba ghan-nomina ta' periti saret mir-rikorrenti fl-interess tieghu [taghha] biex jipprova l-bdil fiziku u psikologiku li ghadda minnu u din il-prova kienet tkun mehtiega indipendentement mic-cahda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku jew mill-istat tal-Ligi Maltija. Il-prova m'hija naxxenti minn ebda ghelt tal-Gvern. Ukoll fejn saret legislazzjoni biex tipprovdi dwar transesswali

f'pajjizi ohra fl-Ewropa, dak li jitlob bdil fic-certifikat tat-twelid tieghu jinhtieglu dejjem igib il-provi li dawn il-bidliet sehhew tassew u jinkombi fuqu li jaghmel tali provi u mhux fuq l-amministrazzjoni tal-pajjiz. Isegwi ghalhekk li l-ispejjez tal-perizja ordnata mill-Qorti limitatament ghall-iskop illi jigi accertat dan il-fatt (l-esperti ma kellhom ebda inkarigu li jirrelataw dwar il-vertenza legali li dwarha gie kkundannat l-appellant) m'ghandux isofrihom l-Avukat Generali. Aktar u aktar meta r-rikorrent lanqas biss ikkontesta l-ammont ta' certi spejjez fit-terminu preskritt mill-Ligi meta kien hu li provvizorjament kien qieghed ihallashom. Ir-rikorrent illum mhux qieghed f'posizzjoni li jaghmel l-istess."

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti tara li hemm zewg aspetti tal-vertenza dwar l-ispejjez: (1) min talab li jsiru, u a beneficcju ta' min saru, certi accertamenti peritali bl-ispejjez li dawn igibu maghhom, u, fit-tieni lok, (2) jekk certu xoghol "peritali" kienx effettivament gie kummissjonat mill-Qorti, u, f'kaz li ma giex kummissjunat izda dan ix-xoghol sar xorta wahda u l-perit thallas, jekk il-partijiet hadux il-mizuri li kellhom jiehdu biex jimminimizzaw l-ispejjez.

Jekk wiehed jara sew il-verbal tat-2 ta' Frar, 1998, isib li l-avukat Dott. Tonio Azzopardi <u>qatt ma gie nominat biex jirrelata b'xi mod</u>; u kellu <u>biss</u> jassisti lill-Ginekologu u lill-Psikjatra biex "jistabilixxu l-fatt", cioe` li effettivament kien hemm *"gender reassignment"* kif allegat mir-rikorrent fir-rikors promotur tal-kawza kostituzzjonali, <u>u mhux biex b'xi mod jirreleta jew jesprimi xi opinjoni</u>. Tant dan huwa minnu li meta l-intimati Avukat Generali u Direttur tar-Registru Pubbliku talbu, permezz tar-rikors taghhom tas-27 ta' Mejju, 1998, is-sostituzzjoni tal-l-imsemmi Avukat Azzopardi b'avukat iehor peress li huwa kien *"…difensur abbli hafna fil-kawza Lawrence sive Roxanne* ***<u>[sic!]</u>*** *versus l-Onor. Prim Ministru, kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fuq l-istess punt u li ghalhekk turi konflitt ta' interess fil-materja"*, l-ewwel Qorti, fid-digriet li bih cahdet it-talba ta' l-Avukat Generali (ara fol. 20) qalet

espressament li *"Dr. Azzopardi gie mahtur biss biex jassisti lil Periti Medici".* Filwaqt li r-rapport tal-Professur Mark Brincat jikkonsisti f'faccata wahda (fol. 43) u gie intaxxat Lm80 u r-rapport ta' Dott. Peter Muscat jikkonsisti fi tlett faccati (fol. 117 sa 119) u gie ntaxxat Lm75.90c, l-Avukat Azzopardi ppresenta rapport ta' wiehed w erbghin faccata li fih dahal fl-ligi u fil-punti legali involuti u kkonkluda dwar kif ghandhom jintlaqghu jew ma jintlaqghux it-talbiet tar-rikorrenti Camilleri. Fi kliem iehor, dan ir-rapport ta' l-Avukat Azzopardi kien kjarament imur lil hinn minn dak li kienet awtorizzatu jew talbitu jaghmel il-Qorti. Dan ir-rapport gie intaxxat fis-somma ta' Lm615.25. Meta dan l-ammont gie notifikat lill-partijiet (ara r-riferti a tergo ta' fl. 35) <u>ebda wahda mill-partijiet ma pprotestat l-ammont</u>, ammont li kien kjarament jindika <u>ferm aktar</u> minn semplici "assistenza" lil periti medici. Anke wara li dana r-rapport gie mahluf u ghalhekk dahal fl-atti (ara fol. 46 u 47) <u>hadd mill-partijiet ma talab l-isfilz tieghu u/jew irrizerva l-posizzjoni tieghu dwar l-ispejjez, evidentement inutili, li l-istess rapport kien jimporta</u>. Ghalhekk, ghal dak li huwa r-rapport ta' l-Avukat Azzopardi sia Camilleri kif ukoll l-Avukat Generali naqsu milli jaraw li l-affarijiet isiru sew.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez inkorsi fin-nomina tal-Ginekologu u tal-Psikjatra, din il-Qorti taqbel perfettament ma' l-appellant Avukat Generali li dawna kienu jigu inkorsi anke li kieku l-ligi ta' Malta kienet b'xi mod tipprovdi ghat-tibdil fic-certifikat tat-twelid fejn si tratta ta' transesswali, u dan peress li l-prova tal-"gender reassignment" trid fi kwalunkwe kaz issir minn minn jallega l-fatt, u hija prova li, minn natura taghha, tirrikjedi l-hila jew sengha specjali medika.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ordnat li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-Avukat Generali, u minflok tordna s-segwenti: (1) li l-ispejjez tal-kawza, ad eccezzjoni ta' l-ispejjez peritali, ghandhom jigu sopportati mill-Avukat Generali, (2) l-ispejjez konnessi mar-relazzjonijiet tal-Ginekologu Prof.

Mark Brincat u tal-Psikjatra Dott. Peter Grech ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent appellat/a Camilleri, u (3) l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' l-Avukat Dott. Tonio Azzopardi ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn l-imsemmija Camilleri u l-Avukat Generali; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn l-appellant u l-appellat/a.

Dep/Reg

gs